MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2009

Numru. 1124/2004

**PULIZIJA
SPETTUR IAN J. ABDILLA
VS
JOSEPH BELLIZZI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Joseph Bellizzi ta’ 52 sena, iben George u Georgina nee’ Cefai, imwieled Msida, fit-2 ta’ April 1952, residenti f’289, Mdina Road, Qormi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 377952(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, u cioe’ fil-perijodu ta’ bejn l-1 ta’ Awwissu 2004 u t-30 ta’ Awwissu 2004, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’

hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu tal-kumpanija Concorde International Freight Forwarders Ltd.
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (Dok.RB) u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur Spettur Kevin Borg jirrizulta illi s-socjeta' kwerelanti Concorde International Freight Forwarders Limited kienet baghtet kwerela lil Pulizija kontra l-imputat ai termini ta' l-Artikoli 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'ammont ta' Lm1,126. L-Ufficjal Prosekutur Kevin Borg xehed illi Joseph Bellizzi kien hareg *cheque* ghal dan l-ammont, liema *cheque* ma giex onorat mill-Bank tieghu.

Il-kwerela giet ezebita u mmarkata bhala Dok.RB1

L-Ufficjal Prosekutur Kevin Borg xehed illi fil-kors ta' l-investigazzjoni rrizulta illi Joseph Bellizzi kien imqabbad mill-kumpanija Giovann Hardware Limited, sabiex jordna merkanzija ta' *ironmongery*, pajpijiet u *fittings* u ftiehem mal-kumpanija Concorde sabiex din il-merkanzija tigi konsenjata permezz ta' t*railer*. Dan ix-xoghol u l-merkanzija wasal fis-6 ta' Awwissu 2004 wara *invoice* Dok.RB2, l-imputat mar ihallas lil *Concorde Shipping* fis-6 ta' Awwissu 2004 permezz tac-*cheque* mahrug fl-*account* tieghu ta' l-HSBC numru 25005075001. Dan ic-*cheque* kien *post-dated* ghat-30 ta' Settembru 2004.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat, ikkollabora fis-shih mal-Pulizija u qalilhom ezattament dak kollu illi kien gara. Huwa kkonferma illi huwa jahdem bhala burdnar u dik is-sena kien hadem ma' Concorde Shipping bhala *sub-contractor*. Illi l-kumpanija Giovann Hardware Limited kienet talbitu biex igibilha xi vjagg merkanzija, kostistenti f'*ironmongery*, *pipes* u *fittings* u li ghaldaqstant Joseph Bellizzi kien mar ghand Concorde u nnegozja maghhom ghal *trailer* biex igorr din il-merkanzija. Huwa kien jiehu *commission* fuq dan it-tip ta' xoghol. Meta wasal dan it-*trailer*, fl-ewwel gimgha ta' Awwissu, huwa kien hallas lil Concorde Shipping l-ammont ta' Lm1,126 permezz ta' *cheque* tieghu. Dan ic-*cheque* pero' kien *post-dated* sat-30 ta' Settembru 2004. Nelfrattemp, Giovann Hardware Limited, kien hallas lill-imputat, permezz ta' zewg *cheques*, wiehed ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) u l-iehor ta' sitt mija sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm627) circa, sa nofs Awwissu 2004. L-imputat xehed illi ftit qabel l-ahhar ta' Settembru 2004, huwa ntebah illi ma kienx hemm bizzejjed flus fl-*account* tieghu u fil-fatt ikkuntattja lil Concorde Limited sabiex ma jsarfux dan ic-*cheque* u li ftit wara kien ghamel ftehim Giovann Hardware Limited illi ghazlu illi jhallsu lil Concorde Shipping is-somma ta' Lm1,126 waqt illi Bellizzi dahal fi ftehim privat maghhom, biex ihallashom permezz ta' kambjali ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar.

Sammy Nichel, raprezentat ta' l-APS Bank, ikkonferma illi z-zewg *cheques*, wiehed ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) u l-iehor ta' sitt mija sebgha u ghoxrin lira Maltin u disghin centezmu (Lm626.90c) mill-kumpanija Giovann Hardware Stores Limited lil Joseph Bellizzi, datati 9 ta' Awwissu u 18 ta' Awwissu 2004, gew fil-fatt, imsarrfin mill-imputat.

Audrey Ghigo, raprezentat ta' HSBC Bank Malta PLC, ikkonfermat ic-*cheque* ta' l-imputat, f'ammont ta' Lm1,126, datat 30 ta' Settembru 2004, ma giex onorat mill-Bank taghha il-ghaliex ma kienx hemm flus fl-akkont. Dan l-akkont kien ta' l-imputat Joseph Bellizzi.

Dr. Mark Mifsud Cutajar ikkonferma Dok.RB1, kwerela da parti tal-kumpanija Concorde International Freight Forwarders Limited.

Joe Abela kkonferma illi huwa kien ikkontratta ma' l-imputat Bellizzi sabiex jgiblu certu merkanzija permezz ta' *trailer*. In segwitu u cioe wara s-6 ta' Awwissu, Abela kien gharraf lill-imputat illi dan it-*trailer* kien wasal u li l-prezz kien ta' Lm1,126 u talab l-hlas immedjat. Abela xehed illi hu kien imhabbat dak il-hin u ghaldaqstant Bellizzi kien iddecieda illi hallas lil Concorde Shipping huwa stess waqt illi Abela kien hallas lill-imputat, Joseph Bellizzi, permezz ta' zewg *cheques* datati 9 ta' Awwissu u 18 ta' Awwissu, f'ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) u sitt mija sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm626). Wara ftit gimghat kienu cemplulu tal-Concorde Shipping biex jghidulu li dak l-ammont kien ghadu ma thallasx u ghaldaqstant Abela kien baghat ghall-imputat. Sar jaf li dan ic-*cheque* ma kienx gie onorat mill-Bank ta' Bellizzi, Abela hallas lil Concorde Shipping, waqt li Bellizzi beda jhallsu ftit ftit kull xahar sakemm onora l-pendenzi tieghu. Abela kkonferma illi l-imputat kien hallas dak kollu dovut lilu.

Fit-tieni xhieda tieghu, Joe Abela ikkonferma x-xhieda precedenti.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda illi ngabet a konjizzjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta b'mod car illi ma jirrilassalux l-elementi kardinali tar-reat ta' truffa u cioe l-uniku reat illi bih gie mixli l-imputat Joseph Bellizzi. Dana qed jinghad ghal diversi ragunijiet.

Il-Gurisprudenza Nostrali dejjem irriteniet illi sabiex isehh ir-reat mahsub taht l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni jehtigilha tipprova frodi pjuttost soffistikat. Il-Gurisprudenza Maltija dejjem irriteniet illi l-gidba semplici m'hijiex bizzejjed. Illi fil-kaz odjern, Concorde Shipping Company Limited, fil-fatt, kienet lesta illi taccetta *a post-dated cheque* u cioe fejn il-hlas kellu jsir xahar u tlett gimghat wara l-konsenja tal-merkanzija. Illi

meta Concorde Shipping ipprova jsarraf dan ic-*cheque* u cioe fl-1 ta' Ottubru, l-HSBC ma onorax il-pagament. Mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, ma jidhirx li l-imputat naqas illi jhallas lil Concorde Shipping b'xi intenzjoni frawdolenti. Jidher car illi l-imputat kien f'certu diffikulta' finanzjarja **u kien huwa stess li cempel xi tlett ijiem qabel l-iskadenza ta' dan ic-*cheque* lil-istess Concorde Shipping u talabhom biex ma jsarrfux dan ic-*cheque* u jatuh naqra iktar zmien**. Illi tant, fil-fatt, ma jirrizultax animo frawdolenti da parti ta' l-imputat, li l-istess Giovann Hardware Limited (illi fil-fatt kien diga' hallas lil Joseph Bellizzi ghall-ammont dovut lil Concorde Shipping) dahlet fi ftehim privat ma' l-imputat, hallset ghan-nom ta' l-imputat is-somma dovuta mill-imputat lil Concorde Shipping u l-imputat, sal-bidu tal-proceduri, kien diga' hallas lil Giovann Hardware Store Company Limited l-ammont kollu dovut. Illi ghaldaqstant huwa evidenti illi l-animu frawdolenti ma giex ipprovat skond il-Ligi.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, Joseph Bellizzi, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------